MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Appell Kriminali Numru. 52/2004

Il-Pulizija
(Spettur Silvio Valletta)
(Spettur Jesmond Borg)
Vs
Alfred Sciclun
Omissis

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :
1) nhar 10 ta’ Jannar, 2004 ghall-habta ta’ 1.15 ta’ wara nofs in-nhar fi Pjazza Antionne De Paule, Rahal il-Gdid, bil-hsieb li jikkommetti delitt, u cioe’ serq ikkwalifikat bil-mezz, lok, kif ukoll bil-valur li jiskorri LM 1,000 ghad-detriment ta’ Nicola Turban ta’ 77 sena minn Rahal il-Gdid, wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit

minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;
2) kif ukoll f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li hija ta' anqas minn LM50 (hamsin lira Maltin) saret ghad-detriment ta' l-istess Nicola Turban;
3) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Marzu, 2004, li biha wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(e)(c), 263, 267, 269, 278, 279, 280 u 325 (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' tmintax (18) il-xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta' Marzu, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w minflok, wara li jinstemghu l-provi, tillibera lill-appellant mill-akkuza migjuba kontrih u fin-nuqqas tirrevoka l-istess sentenza w tissostitwiha b'sentenza li certment ma tinkludix prigunerija. Fil-kaz illi din il-qorti thoss illi ghandha xorta takkorda piena karcerarja ghandha tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha esposti w takkorda sentenza fil-minimu possibbli sabiex taghti l-possibilita', illi l-esponent jista' jinghata cans jirrisolvi l-problemi tieghu mill-aktar fis possibli.

Fliet l-atti kollha processwali,
Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti u cioe' :- li l-Ewwel Qorti ma tatx l-opportunita' lill-appellant illi jirregola ruhu dwar l-ammissjoni ta' htija o meno kif dikjarat waqt l-udjenza u dana certament bi zvista w minhabba li l-imputat l-iehor Bjorn Grima rregistra ammissjoni waqt li l-appellant xtaq jirregola ruhu fi stadju ulterjuri. Illi il-verita' hi li hu ma rregistra ebda ammissjoni izda talab biss jinghata l-possibilita' illi jirregola ruhu wara

li jsir il-“pre-sentencing report” . Illi ir-riferenza fis-sentenza appellata ghall-artikoli 370(4), 390 (1) u 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta saru b’riferenza ghall-akkuzat l-iehor Bjorn Grima u mhux ghall-appellant. Illi l-intendiment kien espressament illi l-Ewwel Qorti taghti zmien sabiex isir PSIR illi jaghti korroborazzjoni lis-sottomissjonijiet verbali tad-difiza . Kieku kien il-kaz ta’ ammissjoni skjetta, l-Ewwel Qorti kienet tghaddi sabiex taghti s-sentenza dak in-nhar u mhux takkorda differiment . Illi minhabba f’ hekk l-appellant ma setax jisma’ l-provi sabiex jigi pruvat il-kaz tieghu u wisq inqas seta’ jixhed u jipprovdi l-provi necessarji sabiex jiddefendi ruhu . Illi l-statement prodott mill-prosekuzzjoni juri b’mod car illi huwa dejjem cahad l-involvimernt tieghu f’ dawn il-proceduri u l-fatt li huwa kien jinstab taht “house arrest” wasslu biex jikkonsidra ammissjoni sabiex b’hekk ma jibqax hekk arrestat u jkun jista’ johrog jahdem sabiex isolvi l-problemi finanzjarji tieghu . Illi hu ma setax jaghmel sottomissjonijiet verbali qabel ma l-Ewwel Qorti ghaddiet sabiex tippronunzja s-sentenza fil-konfront tieghu . Illi din il-Qorti ghandha taghmel apprezzament gdid tal-PSIR redatt mill-Probation Officer Miriam Sevasta . Illi probation order kien certament jaghti aktar frott . Illi l-piena ta’ tmintax il-xahar prigunerija hija ferm severa meta wiehed jikkonsidra illi hu seta inghata piena minn hames xhur sa tlitt snin ghal dan ir-reat jekk ippruvat u din mhux ser tkun ta’ deterrent jew lezzjoni ghall-appellant izda piena li ser tkisser lill-appellant u lil familja tieghu . Illi l-appellant ghandu vizzju tal-loghob u qed jaghmel l-almu tieghu biex isib impieg u dispost jidhol ghal kull programm li jista’ jwasslu johrog mill-vizzju tal-loghob u ghalhekk jimmerita cans sabiex jevita vizzji illi jistghu iwassluh ghal toroq hziena .

Semghet fis-seduta tal-25 ta’ Marzu, 2004 , ix-xhieda ta’ Maruska Baldacchino , Deputat Registratur “pro tempore” tal-Awla w Charles Stivala , Deputat Registratur tal-istess Awla fejn inghatat is-sentenza, fil-kors tal-process u dan bla pregudizzju w bi qbil bejn il-prosekuzzjoni w d-difiza .

Semghet it-trattazzjoni ;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita fil-kors tal-istess seduta;

Rat l-ordni Taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel grupp ta' aggravji tal-appellant jikkoncernaw il-punt jekk fil-fatt l-appellant kienx irregistra ammissjoni jew le quddiem l-Ewwel Qorti w jinvolvu ezami ta' dak li gara ezatt meta l-appellant u persuna ohra ko-akkuzata dehru quddiem l-Ewwel Qorti . Dawn iz-zewg persuni jirrizulta li tressqu b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fit-12 ta' Jannar, 2004 . Skond il-verbal li jinsab fil-prime note hemm imnizzel *"inter alia"* li l-appellant kien assistit minn Dr. Mathew Brincat u l-ko-akkuzat kien assistit minn avukat iehor . Umbaghad hemm registrat li *"Sar l-ezami tal-imputati **. L-imputati jirregistraw ammissjoni."*** U aktar 'l isfel gie registrat : *"Il-Qorti tinnomina lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta sabiex thejji PSIR dwar **iz-zewg akkuzati. L-imputat Alfred Scicluna jinforma l-Qorti li hu ghandu problema tal-loghob . L-imputati huma disposti li jhallsu l-ispejjez tal-hsara volontarja kagjonata minnhom "***

Aktar l-isfel gie registrat "Il-Qorti tissolecita lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta tikkomunika minnufieh **maz-zewg akkuzati** sabiex fis-seduta li jmiss tipprezenta r-rapport taghha u cioe' fil-hamsa w ghoxrin ta' Frar, 2004." Finalment qabel id-differiment gie registrat : **"Stante l-ammissjoni tal-imputati,** din il-Qorti ser tkompli tisma' dan il-kaz." ( Fols. 3 u 4 tal-process)

Umbaghad fil-Mistoqsijiet lill-imputat (fols. 14 u 15 tal-process ) fil-kaz taz-zewg imputati fil-kaxxa intestata "*Jekk iridx, u x'irid iwiegeb fuq l-akkuza/i* :" hemm imnizzel bil-linka blu il-kelma "hatja" .

Fis-seduta tal-25 ta' Frar, 2004, deher l-appellant mhux assistit u l-ko-akkuzat assistit , il-Probation Officer

ipprezentat u halfet il-pre-sentencing report (Dok. Z u X) u Dr. David Farrugia Sacco esebixxa r-relazzjoni tieghu dwar l-inkjesta magisterjali relattiva w l-prosekuzzjoni esebiet ricevuta ta' Rita Turban immarkata bhala Dokument Y. (fol. 19)

Hu rilevanti hafna dak li jinsab a fol. 26 tal-process u cioe fil-pagna 4 tar-relazzjoni tal-probation officer taht l-intestatura "2. Il-Verzjoni tal-akkuzat" fejn jintqal testwalment hekk :-

"Alfred Scicluna jghid li nhar l-10 ta' Jannar, 2004, hu fliemkien ma Bjorn Grima kienu mexjin fil-pjazza ta' Rahal Gdid meta huma raw mara tbexxaq il-bieb u taghmlu fuq katina . **Hawnhekk giethom it-tentazzjoni li jidhlu fid-dar . Scicluna jghid li l-bieb mill-ewwel infetah izda sabu l-antiporta imsakkra probabbilment kienet imsakkra minn gewwa . Hu zied jghid li f'temp qasir sabu lill-Pulizija ma wicchom**, wara baqghu sejrin l-ghassa u wara ghad-Depot . Scicluna jghid li huma ma lahqux dahlu fid-dar tal-anzjana wisq aktar li serqu xi affarijiet."

Rilevanti ukoll li fl-24 ta' Frar , 2004, Rita Turban irrilaxxjat ricevuta ghas-somma ta' LM40 ghall-hsarat li kienu gew ikkawzati fuq il-bieb ta' barra tar-residenza taghha (Dok. Y a fol.77) . Dr. Brincat, difensur tal-appellant fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti fil-25 ta' Marzu, 2004 , iddikjara b'verbal u ghad-domanda tal-Qorti li l-appellant kien ikkontribwixxa ghal dawn l-ispejjez.

Il-kawza umbaghad giet differita ghat-3 ta' Marzu, 2004 . Dak in-nhar gie verbalizzat li dehru l-imputati, l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Jesmond Borg , Dr. Mathew Brincat ghall-appellant odjern u Dr. Robert Montaldo u xehed in-Nutar Dr. Stephen Farrugia Sacco u esebixxa d-dokument Z dwar monitoring ta' calls fuq mobile phones u l-kawza giet deciza.

Fis-sentenza appellata , l-Ewwel Qorti emfasizzat aktar minn darba li z-zewg imputati (inkluz l-appellant) kienu ammettew waqt l-ezami li sarilhom skond l-artikolu 370 (4)

u 390 tal-Kap.9 u li hi kienet wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u anki tathom ftit taz-zmien biex , jekk iridu , setghu jergghu lura minnha u dan fil-prezenza tal-avukati taghhom skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 u li kien wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom. Jintqal ukoll fis-sentenza appellata li: ***" in vista tal-ammissjoni tal-imputati il-Qorti hasset il-htiega li tinnomina dakinhar stess tat-tnax ta' Jannar, 2004, Probation Officer biex thejji "pre sentencing inquiry report" dwar iz-zewg imputati*** *u dan sabiex tghin lill-gudikant jasal ghall-liema hija l-piena idoneja f'dan il-kaz."*

Din il-Qorti rriepilogat dawn ic-cirkostanzi kollha biex tara x'fondatezza hemm fl-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors tal-appellant dwar jekk kienx hemm jew ma kienx hemm ammissjoni da parti tal-appellant odjern.

Il-Qorti inoltre semghet lil Maruska Baldacchino u lil Charles Stivala . It-tieni hu d-deputat registratur di sentu tal-Awla li pero' meta tressqu l-akkuzati quddiem l-Ewwel Qorti ma kienx prezenti w ghalhekk ma seta' jghid xejn. Tal-ewwel xehdet li ghalkemm dak in-nhar hi kienet qed tagixxi ta' deputat fl-istess awla u gharfet l-iskrittura taghha fuq il-formola intestata "Mistoqsijiet lill-Imputat" fir-rigward taz-zewg imputati (Fols. 14 u 15) xehdet li ma tiftakarx id-dettalji tal-kaz partikolari . Mistoqsija mill-Qorti ghala fil-kaxxa intestata "*Jekk iridx, u x'irid iwiegeb fuq l-akkuza/i"* kitbet *"hatja*" u mhux "*hati"* , hi stqarret mill-ewwel li dan kien ovvjament zball taghha ghax suppost kitbet *"hati"* .

Illi l-appellant qed jibbaza l-ewwel aggravju tieghu fuq il-fatt li l-appellant qatt ma ammetta imma kien "*wiegeb illi huwa xtaq jirregola ruhu fi stadju ulterjuri*" u li kien "*talab biss jinghata l-possibilita' illi jirregola ruhu wara illi jsir PSIR*". Pero' meta d-difensur gie interpellat mill-Qorti biex jghid jekk f' xi okkazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti kienx uza l-kliem testwali li l-akkuzat minnu patrocinat "**RIED JIRREGOLA RUHU"** , hu iddikjara - kif gie verbalizzat fl-

udjenza tal-25 ta’ Marzu, 2004 - “LI IL-POSSIBILITA’ HI LE” .

Fid-dawl ta’ dan kollu , din il-Qorti ma tistax tmur kontra dak espressament verbalizzat u registrat fil-process u tasal biex taccetta l-possibilita’ li l-appellant odjern ma kienx ammetta l-akkuzi w l-addebitu tar-recidiva meta deher quddiem l-Ewwel Qorti fit-12 ta’ Jannar, 2004. Anzi kollox jindika il-kuntrarju . Kieku ma saritx l-ammissjoni , ma kienetx ser issir l-offerta mill-imputati li jhallsu d-danni ghax tali offerta hija inkonsistenti ma kontestazzjoni . Lanqas ma kien ikun rilevanti li f’dik l-ewwel seduta quddiem l-Ewwel Qorti li l-imputat appellant odjern joqghod jinforma l-Qorti li hu ghandu il-vizzju tal-loghob – haga li ovvjament saret biex u fi sforz biex tattenwa r-responsabbilta’ kriminali tieghu. Kieku l-appellant ma kienx qed jammetti lanqas ma kien ser jaccetta li jissoggetta ruhu ghal “pre sentencing inquiry report” fejn ovvjament ikun mistenni jwiegeb certi domandi tal-Probation Officer li ser tintervistah – anki dwar il-fatti tal-kaz – u inqas w inqas ma kien mistenni li jammetti mall-probation officer l-involviment tieghu fil-kaz bil-mod kif ghamel l-appellant , meta jaf li dan ser jingieb a konjizzjoni tal-Qorti . Inoltre kieku l-appellant kien qed jikkontesta l-akkuza ma kienx jikkontribwixxi – kif irrizulta li ghamel – ghall-hlas tad-danni kagjonati bl-isgass fil-bieb ta’ Rita Turban . Ghalhekk apparti dak kollu li hemm verbalizzat fil-process, l-atteggjament kostanti tal-appellant wara li tressaq il-Qorti kien li hu qed jaccetta l-htija tieghu inkondizzjonatament u mhux li “ser jirregola ruhu fi stadju ulterjuri”.

Illi fis-sistema legali taghna l-akkuzat jew l-imputat jigi mistoqsi iridx iwiegeb jekk hux hati jew mhux hati u jekk ma jwegibx, dak jittiehed bhala twegiba li mhux hati . Imkien fil-ligi ma tezisti xi fakolta’ li l-akkuzat jirrizerva l-pozizzjoni tieghu biex jirregola ruhu fi stadju ulterjuri . Anki jekk l-appellant haseb li jista’ jilghab din il-karta bl-isperanza li mil-PSIR ikun jista’ jehlisha hafif, din l-intenzjoni tieghu ma tirrizultax li giet dikjarata mill-atti tal-process u hi disdetta mill-istess difensur li qed jippatrocinah u ma tistax tigi accettata minn din il-Qorti,

meta c-cirkostanzi kollha jippuntaw f’ direzzjoni opposta w cioe’ li kienet saret ammissjoni inkondizzjonata.

Illi l-argument tal-appellant li kieku veru hu kien ammetta , l-Ewwel Qorti ma kienetx tiddiferixxi il-kawza imma kienet tghaddi ghas-sentenza immedjetament , mhux validu ghax proprju in vista ta’ tali ammissjoni, l-Ewwel Qorti hasset il-htiega li tikkommissjona PSIR, haga li ovvjament ma kienetx taghmel fir-rigward tal-appellant kieku kien qed jikkontesta ghax kien ikun prematur f’dak l-istadju . Hu ovvju li dan ir-rapport biex isir ried certu zmien u ghalhekk ovvjament kien hemm bzonn id-differiment .

Illi l-argument li minhabba f’hekk hu ma setax igib provi ukoll ma jreggix ghax una volta li hu kien qed jammetti zgur li ma kienx il-kaz li jgib provi , jekk mhux fuq il-piena .

Bl-istess mod kull referenza ghal xi statement li seta’ ghamel l-appellant mall-Pulizija hija wahda gratuwita ghaliex fil-process ma gie esebit ebda statement ovvjament in vista tal-istess ammissjoni tieghu.

Illi umbaghad l-argument kontenut fl-istess rikors tal-appell fejn l-appellant qed jghid li l-fatt li kien jinsab taht “house arrest “ wassal biex hu “***jikkonsidra ammissjoni sabiex b’hekk ma jibqax hekk arrestat u in effett ikun jista’ johrog jahdem “*** jimmina t-tezi tieghu li hu qatt ma kien ammetta u jikkontradici – jekk kien hemm bzonn ta’ tali kontradizzjoni ulterjuri – s-sottomissjonijiet l-ohra kollha fir-rigward ta’ dan l-aggravju .

Ghal dawn il-motivi l-aggravji kollha bbazati fuq l-allegazzjoni li ma kienetx giet registrata ammissjoni mill-appellant qed jigu respinti.

Illi dwar l-aggravju li hu ma giex moghti l-opportunita’ jaghmel sottmissjonijiet verbali qabel ma l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tippronuncja s-sentenza , ghalkemm mill-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Marzu, 2004 , ma jirrizultax espressament li saret xi trattazzjoni , mill-banda l-ohra ma jidhirx li sar xi tentattiv mill-appellant jew mid-difensur tieghu biex jaghmlu xi sottomissjonijiet u li dawn ma

thallewx isiru mill-Ewwel Qorti . Kieku sar hekk , l-inqas li wiehed kien jistenna hu li jigi registrat verbal tad-difiza f' dan is-sens . Minn dan ma sar xejn . Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi fir-rigward tal-aggravji dwar il-piena, il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.) F'dan il-kaz – anki kif jaccetta l-istess appellant fir-rikors tal-appell - il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi .

Jidher ukoll li l-Ewwel Qorti diga' vvalutat bir-reqqa l-kontenut tal-*pre sentencing inquiy report* li hi stess ordnat qabel ma ghaddiet biex tissentenzja lill-appellant u hadet in konsiderazzjoni l-fatturi kollha nkluz is-sitwazzjoni familjari tal-appellant , il-vizzju tal-loghob li hu ghandu w s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu , kif ukoll il-fatt li kien hemm ammissjoni bikrija fl-ewwel appuntament quddiem l-Ewwel Qorti, l-ko-operazzjoni tieghu tul il-proceduri kif ukoll il-hlas tad-danni lill-vittma tar-reat. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hu l-kaz li taghmel xi apprezzament differenti tal-istess rapport. Umbaghad ghamlet sew l-Ewwel Qorti li qieset ukoll il-fedina penali tal-appellant minn fejn jirrizulta li hu diga kien kiser dufrejh mall-ligi hdax il-darba w ghalkemm kien inghata diversi opportunitajiet mill-Qrati w anki sahansitra kien diga' tpogga taht probation, izda b'dana kollu hu xorta baqa' ma tghallimx w li f'dan il-kaz it-tentattiv ta' serq sar fuq mara anzjana – reat li din il-Qorti tosserva li qed jassumi frekwenza allarmanti ghas-socjeta' Maltija - meta giet biex applikat piena karcerarja fil-konfront tieghu .

Din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti – tissimpatizza mall-familja tal-appellant li minhabba l-agir irresponsabbli tieghu trid tkompli ssofri tbatija finanzjarja ulterjuri oltre dik gja kagjonata mill-vizzju tal-loghob tal-appellant , pero' ma

tista' qatt taccetta dan il-fattur bhala attenwant ghall-fini ta' piena.

Lanqas ma tista' taccetta bhala attenwant l-allegazzjoni tad-difiza li mart l-appellant harget tqila fil-mori tal-kawza ghaliex kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appel (kollegjali) fis-sentenza fil-kawza "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Tracy Borg"** [15.5.2003] : *"… il-Qorti ma tarax li l-fatt li l-appellanti , fil-mori ta' din il-kawza , ghazlet li jkollha t-tfal ghandu jinfluwixxi fuq il-piena. Kieku kellu jsir hekk , persuna taht process kriminali jew addirittura sentenzjata minn Qorti tal-ewwel grad, tista' facilment tirrikorri ghall-espedjent li jkolllha t-tfal bil-ghan li tinkorri piena inqas harxa. Kullhadd irid jerfa' r-responsabbilta' ghall-azzjonijiet tieghu w d-decizjoni ta' persuna li jkollha jew ma jkollhiex tfal hija decizjoni personali li wiehed irid jizen b'responsabilta' w impenn konsidrati c-cirkostanzi personali tal-persuna koncernata. Jekk xi hadd jiddeciedi li jkollu t-tfal ….., hu jrid jerfa' l-konsegwenzi tal-agir tieghu w ma jistax jistenna' li xi Qorti toqghod tqis il-konsegwenzi ghall-prole li ma jkunx qies hu stess."*

Ghal dawn il-motivi anki l-aggravji dwar il-piena qed jigu respinti .

Konsegwentement l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------